# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 991

KAZ NRU. 1235

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joan Debattista

u

Koperattiva Indàfa Pubblika

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 24 ta' Novembru 1998

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata 7 ta' April, 1998 b'riferenza MHS/TI/34/98 biex jiddeciedi dwar allegata tkeccija ngusta skond l-Artikolu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellanti bbazat id-dikjarazzjoni tal-kaz taghha fuq erba' akkuzi li kienu sarulha meta din giet infurmata li ma kienx hemm izjed bzonn tas-servizz taghha. Dawn kienu :

Nuqqas ta' rispett.
Nuqqas ta' attenzjoni fuq xoghol wara warnings.
Nuqqas ta' osservanza ta' ordnijiet.
Telf ta' zmien fuq telefonati u ikel fl-ufficcju.

Il-Koperattiva sostniet l-erba' akkuzi elenkati fl-ittra taghha u cioe' li kien hemm diversi twissijiet verbali u bil-miktub; li kien hemm sieghat mohlija fuq it-telefon f'diskussjonijiet ma hbiebha u genn fl-ufficcju mit-tfal tal-appellanti.

Jinghad hawn, minhabba kif zvolta l-kaz li l-Koperattiva ma tantx uriet interess fil-kaz. Fl-ewwel seduta deher biss ir-rapprezentant taghha - infatti l-avukat taghha ma deher f'ebda seduta.

Fit-tieni seduta, iffissata f'jum u hin bi qbil mal-partijiet, ma deher hadd ghall-Koperattiva.

Fit-tielet seduta, deher biss ir-rapprezentant tal-Koperattiva li pero' kien ircieva ngunzjoni biex jattendi biex jixhed ma' xhieda ohra tieghu.

Fir-raba' u hames seduta il-Koperattiva ma deheritx.

Ix-xhud Attard qal li f'nofsinhar l-ufficcju kien qiesu restaurant u li kien jara lill-appellanti tiekol u gieli li kien hemm anke zewgha u t-tfal taghha. Qal li ma kienx jaf kienx hemm xi hin ghal break izda kien jaf li kien hemm lok ghalfejn wiehed seta' joqghod biex jiekol, pero' kien jara hemm lil Cassar, il-Vici President u mpjegati ohra jieklu fl-ufficcju ghal habta ta' nofsinhar.

Il-President tal-Koperattiva kkonferma l-allegazzjonijiet li kienu gew elenkati fl-ittra ta' tmiem l-impjieg hlief dwar it-twissijiet li fuqhom ma kien jaf xejn ghax kienu kompitu tal-Manager.
Membru iehor tal-Kumitat xehed *press a poco* l-istess haga.

L-appellanti qalet li l-hinijiet tax-xoghol taghha kienu mid-0900 sal-1700 u hin ghal break ghall-ikel ma kienx hemm; qalet li kienet tiekol waqt il-hin tax-xoghol u meta kienet staqsiet, is-sur Bezzina qalilha biex tiekol fl-ufficcju.

Qalet li warning bil-fomm ma kellhiex izda kellha wiehed dwar incident konness mas-sur Degabriele.

Ikkonfermat li meta rrappurtat ghax-xoghol, nizel jiftah is-sur Bezzina u qalilha li ma kellhomx bzonnha aktar u ta l-ittra ta' tmiem l-impjieg.

Qalet li ghalkemm il-President tal-Koperattiva qalilha li l-membri tal-kumitat ma laqawx it-talba taghha biex tkellimhom, l-istess membri kienu qalulha li ma kienu jafu xejn.

Il-Vici President, Maria Cassar, li kienet ukoll tahdem hemm kellha l-hinijiet bejn 0630 u 1430 u din ikkonfermat li hin ghall-ikel ma kienx hemm u li kienu jieklu fl-ufficcju bl-approvazzjoni ta' l-istess Sur Bezzina.

Qalet li kienet taghmel il-*crossword* pero' l-appellanti dejjem kienet taghmel xogholha tajjeb; li ma kinitx semghat lill-appellanti titkellem fuq affarijiet privati fuq it-telefon u li t-tfal kienu jigu jghidulha "jien hawn ma".

Dwar il-warning in konnessjoni ma' Degabriele, qalet li l-appellanti ma kienx haqqha tiehdu ghax ir-rassenja kienet saret mill-iskrivana l-ohra.

Bhala membru tal-kumitat qalet li ma kienet taf b'ebda membru iehor li lmenta fuq il-kondotta tal-appellanti; li qatt ma

giet msejha ghal kumitat biex is-sur Bezzina jirrapporta li kellha titkecca u li hi qatt ma naqset li tattendi xi seduta.

Kien hemm xhieda konfliggenti u ghalhekk it-Tribunal kellu jikkonsidra dik l-aktar konvincenti - u din kienet il-verzjoni tax-xhieda prodotti mill-appellanti.

It-Tribunal wasal ghall-konkluzzjoni li t-tkeccija sommarja x'aktarx kienet biss decizjoni tas-sur Bezzina minkejja li l-kumitat tat-Tmexxija kellu l-ahhar responsabbilita' dwar l-agir tal-Manager (Art. 8.12 tal-Istatut) u ma jidhirx li kienet saret laqgha biex tali decizjoni tigi ratifikata jew mibdulha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-tkeccija tal-appellanti qeghda tigi dikjarata ngusta u l-Koperattiva qeghda tigi ordnata terga' taghti lill-appellanti l-impjieg li kellha bl-istess kundizzjonijiet ta' xoghol u li thallas lill-appellanti l-paga kollha dovuta mill-1 t'April, 1998 sad-data minn meta tibda tahdem. Tali pagament ghandu jsir bi tlett pagamenti ugwali fil-15 ta' Dicembru 1998, fil-15 ta' Jannar 1999, u l-15 ta' Frar, 1999 b'dana li jekk pagament wiehed ma jsirx fid-data preskritta, il-bilanc kollu li jkun fadal jithallas isir dovut immedjatament.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Maurice Petrococchino
CHAIRMAN

Joyce Agius
A/SEGRETARJA